QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru 287/00DM

Polidano Brothers Limited

vs

Santo Barbara u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2000 giet kjamata in kawza il-Kumpanija White Power Company Limited u b'digriet tas-27 ta' Lulju 2001 id-digriet tat-30 ta' Novembru 2000 gie revokat Contrario Imperio

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur noe ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' seba mija u hdax il-lira maltin u sitta u tmenin centezmu (lm 711.86} rappresentanti bilanc ta' prezz ta materjal mibjugh u kkonsenjat u li baqa ma thallasx.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut li gie minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi l-ammont pretiz mhux dovut mill-eccipjent izda minn White Power Company Ltd illi rceviet il-konsenja tax-xoghol fil-Gudja , kif indikat fid-dokumenti. Ir-raguni ghala l-Invoices inhargu fuq l-eccipjent kienet illi Andrew Scicluna ta' White Power Company Ltd kien imsiefer u x-xoghlijiet ma setghux jieqfu biex jistennew ir-ritorn tieghu minn barra biex ikun jista ' jiffirma. Ghalhekk , l-eccipjent jitlob li tigi msejjha fil-kawza s-socjeta' White Power Company Ltd ta' 91, St. Joseph Street, Luqa, biex tirrispondi dwar l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici , filwaqt li l-eccipjent jigi lliberat

mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici jew tal-kjamat inkawza. .

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenut Santu Barbara ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu huwa naqas illi jipproduci provi f'din il-kawza in kontestazzjoni ghal provi prodotti mill-atturi, lanqas ma ha hsieb illi jinnotifika lill-kjamati fil-kawza, b'rizultat illi dawn regghu gew mahruga mill-kawza.

Mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta abbondantement illi kien il-konvenut Santu Barbara personalment illi kien ghamel l-ordnijiet mal-kumpanija attrici u illi l-istess materjal ordnat kien gie ikkunsenjat u accettat skond l-istruzzjonijiet tal-istess konvenut Santu Barbara.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta ampjament gustifikata u ghandha timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Santu Barbara sabiex jhallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm711.86 (sebgha mija u hdax il-lira Maltin u sitta u tmenin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Lulju 1997;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ28